# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 929

KAZ NRU. 1096

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Antida Cassar

u

Portanier Bros. Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 17 ta' Frar, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

1. **Introduzzjoni**

Il-Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 23 ta' Jannar, 1997 riferenza MHS/TI/9/96 talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-Kwistjoni tax-Xoghol skond Art. 28(2) ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Rapprezentanza**

L-appellanti kienet assistita mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici.

Il-kumpanija giet assistita mis-sur Alfred Mallia Milanes.

3. **Xhieda**

Ghall-appellanti :

Dr. George Zarb
Dr. George Debono
Is-sur Anthony Willoughby
Is-sinjura Portanier u
l-appellanti Antida Cassar.

Ghall-kumpanija :

Dr. France Portanier u
Is-sur George Portanier - li kienu msejjha wkoll mill-appellanta.

4. **Prezentazzjoni ta' Dokumenti**

Mill-appellanti :
3 certfikati medici datati : 14 ta' Gunju, 1996,
29 ta' Novembru, 1996 u
6 ta' Marzu, 1997
li gew immarkati bhala Dok Nru. KMB I, II, u III rispettivament.

Return ta' G. Portanier dwar temm ta' l-impjieg
Certifikat ta' temm ta' l-impjieg.

5. **Informazzjoni Generali**

It-tezi ta' l-appellanti hi li t-tkeccija ma kienetx gusta u l-istat taghha ta' dipressjoni giet ikkawzata mit-tilwima, argument jew incident li sehh fis-7 ta' April, 1996 meta giet mitluba biex ma tattendix ghax-xoghol. L-appellanti ssostni bix-xhieda tat-tobba li kienet fi stat ta' dipressjoni.

Giet indikata li dak li gara lill-appellanti jista' jitqies bhala "injury whilst on duty" u ghaldaqstant l-*employer* ghandu l-obbligu versu l-impjegata ghall-inqas ghal sena.

Minn naha tal-kumpanija t-tezi hi li l-appellanti ezawriet is-*sick leave* u l-*leave* kollu u zammew l-appellanti sal-15 ta' Novembru, 1996 fl-impjieg b'nota ta' ittra lil l-istess appellanti fejn infurmawha li l-impjieg gie tterminat.

Il-kumpanija qeghda ssostni wkoll li gimgha wara li l-appellant giet mitluba ma titholx ghax-xoghol jigifieri fil-15 ta' April, 1996 hija giet mitluba biex terga' tirritorna. Izda minflok l-appellanti bdiet tibghat certifikati medici, mgedda kull gimgha, li hija tinsab marida b'dipressjoni.

6. **Osservazzjonijiet**

Il-kaz prezenti jqajjem zewg domandi :

a) it-tezi ta' l-appellanti li l-argument familjari wassal ghal rikjesta biex ma tattendix ghax-xoghol u b'rizultat wasslet ghal stat ta' dipressjoni li allura jikkostitwixxi "injury on duty" ; u

b) il-fatt li l-kumpanija baqghet thallas lill-appellanti oltre l-limitu li tipprovdi l-ligi jigifieri mit-8 t'April sal-15 ta' Novembru 1996, jistax jitqies bhala accettazz-joni ta' l-istat ta' l-appellanti.

It-Tribunal josserva li :

1) f'dan il-kaz ix-xhieda tas-sinjura Portanier ma tantx tidher attendibbli;

2) l-argument familjari li nqala' ma jistax jigi nterpretat bhala kwistjoni tax-xoghol;

3) ix-xhieda tat-tobba ma kkonfermawx b'mod car u nett li l-istat ta' dipressjoni ta' l-appellant wasal a kawza ta' dan l-argument; u

4) il-kumpanija veru li baqghat thallas lill-appellanti ghal zmien twil, izda wiehed jistenna trattament ahjar ghall-hidma mill-appellanti lill-kumpanija ghall-perjodu twil ta' snin.

Mix-xhieda tal-psikjatra G. Debono gie stabbilit li l-appellanti ma tantx kellha nteress li tirritorna lura ghax-xoghol.

7. **Decizjoni**

Waqt li dan il-kaz seta' gie evitat, it-Tribunal wara li ezamina t-tezijiet taz-zewg partijiet, iddecieda li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret skond il-ligi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Erbghin Lira Maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Vera Kopja

**ft/Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

--------------
**Emma Muscat**
**A/Segretarja**

mrg